FONTANA

Minuti ta` l-għaxar laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 28 ta` Diċembru 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

Korrispondenza

L-Arċipriet Emeritus Mons Luigi Vella flimkien ma` Dun Ġorġ u Dun Salv Tabone bagħtu ittra dettaljata lill-Kunsill fejn fost l-oħrajn irringrazzjawh talli għoġbu jonoraham bl-unur ta` "Ġieħ il-Fontana".
Is-Surmast Joseph Grech ta` *"The Gozo Youth Wind Band & Orchestra"* informa lill-Kunsill illi ma kienx possibbli l-parteċipazzjoni ta` mużiċisti f`"Jum il-Fontana" peress li fil-ġurnata ndikata kienu Malta mpenjati bl-istudji tagħhom. Is-Surmast japprezza li għall-attivitajiet simili jiġi nfurmat aktar kmieni sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa. Huwa rringrazzja lill-Kunsill ta` l-interess.
L-organiżżaturi ta` Istrina TVM 2005 bagħtu korrispondenza lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jagħti donazzjoni ta` Lm25 lill-*Community Chest Fund* f`din l-okkażżjoni.
Is-Sinjura Ina Zammit, *Authorised Officer* bagħtet il-*guidelines* rigward il-*Green Wardens*.
Is-Segretarju Privat tal-Ministru għal Għawdex kitbet lill-Kunsill rigward ix-xogħol li dalwaqt ser jibda fi Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill ġie mgħarraf li aktar `il quddiem il-Ministru Debono ser issejjaħ laqgħa sabiex jiġi diskuss ix-xogħolijiet li hemm bżonn isiru f`din it-triq.
Is-Sur Natalino Attard, Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar il-ħatra mill-ġdid tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Id-Direttur nforma lill-Kunsill illi m`hemm l-ebda oġġezzjoni għal din il-ħatra mill-ġdid.
Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar id-devoluzzjoni tal-proprjeta` 190/191 fi Triq tal-Għajn. Ma din il-korrispondenza intbagħtet kopja t`ittra mid-Dipartiment ta` l-Artijiet li ntbagħtet lid-Direttur. F`din l-ittra s-Sur Mamo fost l-oħrajn għamel referenza għall-laqgħa li l-Kunsill kellu miegħu u anke nforma dwar fiex wasal il-proċess ta` żgumbrament. Huwa nforma li l-ordni ta` żgumbrament fuq il-fond 191 ħarġet mill-ġdid fuq il-persuna li attwalment qed tokkupah, li hija s-Sinjorina Louise Zammit. Is-Sindku qal li din l-ittra hija riżultat tal-laqgħa li l-Kunsill kellu f`Awwissu li għadda f`Malta mas-Sur Albert Mamo, Kummissarju tal-Artijiet. Issa li ntbagħtet din l-ittra hija responsabilita` tal-Kunsill li jiġu emendati l-pjanti approvati tal-Uffiċċju tal-Kunsill u jsiru

mill-ġdid fuq *area* akbar. Dawn għandhom jinkludu wkoll il-fond nru. 191 fi Triq tal-Għajn u kif ukoll iż-żewġt ikmamar li jintużaw fil-festa mill-pulizija u l-latrini pubbliċi eżistenti li s-saqaf tagħhom huwa parti mill-*Playing Field*. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li issa l-affarijiet huma ċari u dan huwa riżultat ta` dak li tkellem dwaru hu u s-Sindku fil-laqgħa mas-Sur Albert Mamo. Is-Sindku qal illi issa jridu jiġu sottomessi l-pjanti tal-proġett kollu lill-M.E.P.A. kif qal il-Kummissarju tal-Artijiet. Huwa staqsa lill-Kunsillier Lorry Apap jekk għamilx il-pjanti. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi aħjar tiġi mqabda l-Perit Attard Montalto biex tagħmilhom. Il-Kunsill qabel illi jitlob laqgħa magħha dwar dan. Il-Kunsill qabel li dan ikun jinkludi sala tal-komunita', latrini ġodda, *multi-purpose room* u tkabbir tal-Uffiċċju bl-*e-mail room* u librerija.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat jinforma lill-Kunsill li għadu kif għamel l-arranġamenti biex jgħaddi l-ammont ta` Lm750 fil-kont tal-Kunsill bħala ħlas li jkopri nofs sena in konnessjoni mat-twaqqif tal-*bring-in-site* fil-lokal.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

Il-M.E.P.A. bagħtet korrispondenza dwar l-applikazzjoni tar-restawr ta` l-Għajn il-Kbira. Il-M.E.P.A. talbet iżjed tagħrif mingħand il-Perit Saliba dwar kif ser isir dan ir-restawr qabel l-applikazzjoni tiġi pproċessata. Il-Perit għandu jibgħat aktar informazzjoni. Is-Sindku qal li diġa kien intbagħat il-*method statement* dettaljat mħejji mill-Perit Ivana Farrugia. Issa l-M.E.P.A. trid li jiġi mmarkat il-ġebel li hemm bżonn jinbidel.

Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza dwar il-laqgħa li saret mas-Sur Frank Gatt tal-Kulleġġ ta` l-Edukazzjoni ta` Għawdex. Is-Sur Gatt offra li huwa lest li jagħmel programm fuq ir-*radios* tal-komunita' dwar diffikultajiet dwar l-edukazzjoni. Is-Sur Gatt lest ukoll li jibda kors tal-Franċiż għal min hu nteressat u qed joffri li jekk nipprovdulu post fl-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali lest li jiltaqa` b`mod personali ma min ikollu xi mistoqsijiet dwar l-edukazzjoni. Il-Kunsill qabel illi jitlob lil min hu nkarigat mir-*Radio Sacro Cuor* jistax Chev. Frank Gatt jiġi mistieden f`xi programm.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa u Meżżi tax-Xandir 23/2005 dwar Bdil ta` Awguri ta` l-Ewwel tas-Sena 2006.

Inqrat Ċirkulari AKL 76/2005 dwar aħbar tal-mewt tas-Sinjura Rose Demicoli, ex-Kunsillier fil-Kunsill Lokali Żejtun.

Inqrat Ċirkulari AKL 77/2005 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Louis Grima, missier is-Sur Joe Grima, Sindku ta` Kerċem.

Inqrat Ċirkulari AKL 78/2005 dwar *Carelink*.

Inqrat Ċirkulari AKL 79/2005 dwar Laqgħa għas-Sindki – Xlokk 2005.

Inqrat Ċirkulari AKL 80/2005 dwar Laqgħa għas-Sindki – Xlokk 2005 - Mozzjonijiet.

Inqrat Ċirkulari AKL 81/2005 dwar Laqgħa għas-Sindki – Xlokk 2005 - Mistoqsijiet.

Inqrat Ċirkulari AKL 82/2005 dwar Laqgħa għas-Sindki – Xlokk 2005.

Inqrat Ċirkulari AKL 83/2005 dwar Minuti ta` l-aħħar Laqgħa għas-Sindki li kienet saret nhar il-Ġimgħa 24 u s-Sibt 25 ta` Settembru.

Inqrat Ċirkulari AKL 84/2005 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Raymond Cutajar, ħu s-Sur Frederick Cutajar, Sindku fil-Kunsill Lokali Santa Luċija.

Inqrat Ċirkulari AKL 85/2005 dwar Talba għall-ġemellaġġ mal-Belt ta` Szeged, fl-Ungerija.

Inqrat Ċirkulari AKL 86/2005 dwar Mozzjonijiet – Laqgħa għas-Sindki, *Le Meridien Phoenicia*, Floriana.

Inqrat Ċirkulari AKL 87/2005 dwar aħbar tal-mewt tas-Sinjura Rose Mifsud Bonnici, omm is-Sinjorina Paula Mifsud Bonnici, Kunsillier.

Inqrat Ċirkulari AKL 88/2005 dwar Talba għall-ġemellaġġ mal-lokalita' ta` Roccalumera provinċja ta` Messina.
Inqrat Ċirkulari AKL 89/2005 dwar Laqgħa għas-Sindki – Programm u Aġenda.
Inqrat Ċirkulari AKL 90/2005 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Joseph Debono, missier is-Sur Francis Debono, Sindku fil-Kunsill Lokali Marsa.
Inqrat Ċirkulari AKL 91/2005 dwar Laqgħa għas-Sindki – Mozzjonijiet mhux konklużi fil-laqgħa għas-Sindki ta` Settembru 2004 u emendi għall-mozzjoni.
Inqrat Ċirkulari AKL 92/2005 dwar *item* 7 Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali.
Inqrat Ċirkulari AKL 93/2005 dwar Laqgħa għas-Sindki – emenda mill-Avv. Luciano Busuttil għall-mozzjoni ta` l-Avv. Malcolm Mifsud.
Inqrat Ċirkulari AKL 94/2005 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Louis Bartolo, missier is-Sur Emvin Bartolo, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Mellieħa.
Inqrat Ċirkulari AKL 95/2005 dwar Arranġamenti dwar l-iSkema *'Hello'*.
Inqrat Ċirkulari AKL 96/2005 dwar Bdil ta` Awguri.
Inqrat Memo 25/2005 dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 14222. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-risposta għal din il-Memo.
Inqrat Memo 26/2005 dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 14349. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-risposta għal din il-Memo.

Mistoqsijiet

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

Is-Sindku qal illi minn dawk li tlabna kull ma ġie assenjat huwa s-Sur Joe Mercieca. Il-*Plasterer & Painter* li talab ukoll il-Kunsill għalkemm ġie assenjat għal mal-Kunsill baqa` ma ġiex. Wara xi ġranet l-assenjar tiegħu ġie rtirat u ntbagħtu tnejn oħra, wieħed min floku u ieħor minflok il-*Clerk*. Dawn huma is-Sur Joe Camilleri, *General Hand* u s-Sur Emanuel Debono, *Senior Tradesman Fitter*. Is-Sur Camilleri talab biex jiġi trasferit mal-Kunsill Lokali ta` l-Għasri bi bdil ma` xi ħadd ieħor. Peress li l-persuna l-oħra, s-Sur George Sacco li talbet ukoll biex tiġi hawn mill-Kunsill ta` l-Għasri, wara li ħareġ it-trasferiment reġa bdilha u kollox għadu kif inhu. Dwar dan it-trasferiment is-Sindku kien talab lid-Direttur għall-Gvern Lokali u sibna l-koperazzjoni kollha tiegħu.

Is-Sindku qal illi kemm huwa kif ukoll il-Kunsillier Lorry Apap ġew avviċinati mis-Sur Joe Curmi mill-Fontana, li lest li jiġi mal-Kunsill tagħna biex iwettaq xogħol ta` *maintenance* fuq bankini u oħra ġodda, xogħol ta` *Plasterer & Painter*. Il-Kunsill għandu jinfurmah biex jikteb lid-Direttur u jibgħat kopja lill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll li jikteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali fejn jinfurmah li għadu qed jitlob għall-*Plasterer & Painter* jew xi ħadd ieħor li lest jagħmel dak ix-xogħol kif kien talab sa mill-bidu, peress li huwa x-xogħol l-aktar meħtieġ fil-lokal.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

Is-Sindku ppropona li l-ewwel m`għandhom jagħmlu l-ħaddiema preżenti huma s-sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill qabel. Sadanittant il-Kunsill qabel ukoll illi nhar it-Tnejn, 2 ta` Jannar 2006 fit-8.30a.m. ssir laqgħa ma` dawn il-ħaddiema.

Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| *Re-Store Café'* | Lm 45.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm 17.00,0 |
| *Local Councils Association* | Lm 101.00,0 |
| Melissa Attard | Lm 120.00,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 71.00,0 |
| Fondazzjoni Wirt Artna | Lm 50.00,0 |
| *Caffe` Cordina* | Lm 8.00,0 |
| *Anchor Bay Leisures Ltd.* | Lm 76.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm 21.50,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm 150.40,0 |
| *I.T.S. Ltd.* | Lm 29.50,0 |
| *Bookpoint* | Lm 31.97,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm 19.24,0 |
| *Mario`s Rent A Car Ltd.* | Lm 36.47,0 |
| Richard Cauchi | Lm 98.60,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm 16.75,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm 3.53,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm 61.82,0 |
| *Roses* | Lm 6.00,0 |
| *Director Projects & Development* | Lm 321.93,0 |
| Jenise Grech | Lm 76.34,0 |
| *Office Equipment* | Lm 45.00,0 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Lm 86.20,0 |
| *Video-On-Line Limited* | Lm 11.80,0 |
| *A.F. Ellis (Home Décor) Ltd.* | Lm 5.75,0 |
| *Sound & Vision* | Lm 19.00,0 |
| *I.T.S. Ltd.* | Lm 15.34,0 |
| *Mr. Signs* | Lm 20.00,0 |
| Anthony Said | Lm 20.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 591.50,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm 205.01,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm 63.44,0 |
| *Xerri`s Garden Centre & Nursery* | Lm 6.00,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 123.19,0 |
| Victor Attard | Lm 123.81,0 |

| | | |
|---|---|---|
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| Johanna Caruana | Lm | 50.00,0 |
| *B.C.D. Graphics Ltd.* | Lm | 47.20,0 |
| *Cottage Products Gozo Ltd.* | Lm | 18.30,0 |
| *Ta` Dolindo Jewellery* | Lm | 51.50,0 |
| *Video-On-Line Limited* | Lm | 11.80,0 |
| *Island Brass* | Lm | 75.00,0 |
| Carmel Portelli | Lm | 124.90,0 |
| M.A. Vella | Lm | 87.50,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm | 16.11,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm | 10.99,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm | 47.79,0 |
| Jenise Grech | Lm | 69.44,0 |
| Victor Attard | Lm | 123.81,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 568.75,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| Melissa Attard | Lm | 75.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| George Sacco | Lm | 365.00,0 |
| Josephine Gauci | Lm | 17.50,0 |
| Mary Farrugia | Lm | 12.00,0 |
| *Malta Community Chest Fund* | Lm | 25.00,0 |
| Total | | Lm4542.31,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 08/2005 ġiet approvata.

<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>

Is-Sinjura Bernadette Attard ta` 85, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex tissolva l-problema li għandha fil-bankina ta` quddiem id-dar tagħha peress li tiżloq. Il-Kunsill qabel illi l-ħaddiema li għandu jitfgħu l-ispirtu tal-melħ fil-parti msemmija sabiex tissolva din il-problema.

Is-Sinjura Francesca Mizzi ta` 280, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex issir mill-ġdid tappiera tad-drenaġġ li hemm quddiem id-dar tagħha kif ukoll *bollard* li hemm mgħawġa fil-kantuniera.

Is-Sinjura Assunta Cordina ta` 225, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex it-tappiera tad-drenaġġ tiġi mtellgħa `l fuq peress li hi perikoluża.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Ms. Josephine Borg ta` 263, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex isir is-siment fejn hemm il-katusa fil-wiċċ tal-bankina quddiem ir-residenza tagħha.

Il-Kunsill qabel illi jqabbad lill-ħaddiema assenjati miegħu sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

Is-Sur Chris Attard ta` 31, Triq Għar Gerduf , Victoria talab lill-Kunsill sabiex issir bankina quddiem post li jinsab 54A Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana. Peress li din it-triq taqa` taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali, l-Kunsill qabel illi jgħaddi din it-talba lid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp.

Il-Perit John Saliba bagħat rapport dwar il-kwistjoni li hemm fi Triq is-Sajjieda. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat kopja lill-Avukat Chris Said sabiex ikun jista` jibgħatha bħala risposta lill-Avukat Anton Refalo.

<u>Materji oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar il-ħsara li għandha l-fax. L-*Integrated Electronics Limited* bagħtu rapport li ekonomikament m`hux vijabbli li titranġa. Il-Kunsill qabel illi nerġgħu nippruvaw insewwuha għand is-*Sound & Vision*.
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*quarterly report* għall-perjodu Lulju-Settembru 2005.
Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru jiġbru l-basktijiet taċ-ċaruta mingħand is-Sur Joseph Vella fejn saritilhom l-arma tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jitqassmu lir-residenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi għall-ħarġa tat-tfal għal Malta hemm domanda kbira fejn ser jattendu madwar 80 persuna u *coach* waħda mhix ser tkun biżżejjed. Il-Kunsill qabel illi l-adulti li ser jakkumpanjaw lit-tfal għandhom iħallsu direttament lill-*Koptaco* parti mill-flus tal-*coach*.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għaċ-ċerimonja ta` *Remembrance Day* fi Pjazza Indipendenza fejn ukoll poġġa kuruna mal-Monument ta` Kristu Re.
Attenda wkoll għall-ikla mogħtija mill-Ministru għal Għawdex fl-okkażżjoni taż-żjara tal-Prinċep Filippu f`Għawdex.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħa sehem f`żewġ laqgħat tal-kumitat konġunt dwar l-infurzar lokali u dwar l-introduzzjoni tal-*Green Wardens*. Dawn ser jaħdmu mill-1 ta` Jannar 2006 b`żewġ gwardjani b`20 siegħa l-wieħed m`Għawdex kollu. Dwar ir-rotta fil-Fontana l-Kunsill qabel li tingħata mportanza l-aktar bejn Pjazza Tomba sa Pjazza l-Għejjun. Laqgħa oħra saret maċ-*Chairman* tal-*Gozo Channel*, is-Sur Joe Borg fejn dan sema` l-ilmenti u s-suġġerimenti tas-Sindki Għawdxin. Dwar l-iskema tal-parkeġġ limitat fir-Rabat-Fontana għandu jsir avviż fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel*. Sar ukoll rapport lill-pulizija dwar serq ta` tabella min Sqaq Bieb il-Għajn li kienet għadha kemm saret ftit tal-ġranet qabel dwar ħmieġ tal-klieb. Ġew ukoll mibdula erba` *floodlights* minn fuq il-Knisja li kienu nħarqu xi ġranet qabel.
Għal darba oħra saret il-ħarġa għall-anzjani f`Malta li kienet suċċess fejn attendew 45 ruħ. Żorna ż-Żurrieq fejn kellna quddiesa u ż-Żejtun fl-okkażżjoni tal-Festi Ċentinarji, kif ukoll il-Knisja medjevali ta` San Girgor fiż-Żejtun ukoll, fejn anke ngħatajna spjega mis-Sur Tony Abela dwar din il-Knisja medjevali, dan wara li anke kien tagħna tagħrif dwar il-Knisja Arċipretali taż-Żejtun. Wara żorna l-Belt Valletta u l-*Valletta Waterfront* fl-okkażżjoni taċ-*CHOGM*. Fil-*Valletta Waterfront* l-anzjani ġew offruti kafe` u xi ħaġa ta` l-ikel mill-Kunsill.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar ir-restawr tan-niċċa storika tas-Salvatur li hemm quddiem il-Knisja huwa qal li kellem lis-sidien Salvu Attard u Alfred Buttigieg li aċċettaw li l-Kunsill jieħu ħsieb li jagħmel ix-xogħol meħtieġ ta` din in-niċċa. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-Perit Saliba biex japplika lill-M.E.P.A. Dan għandu jiġi nfurmat mis-Sindku.

Is-Sindku qal li hemm bżonn isir *bin* f`tarf Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, n-naħa ta` l-*EneMalta*. Il-Kunsill qabel li jixtri wieħed bħal dawk li diġa għandna mingħand Andrew Vassallo.
Ġew ukoll mibdula l-lampi tal-fanali ta` ħdejn ir-*railing* fit-telgħa `l isfel mill-Knisja li issa qed jagħti ħafna iktar dawl, b`hekk twettaq l-ilment li kien hemm.
Bdiet ukoll tinstema x-xhieda dwar il-kawża li hemm fil-Qorti dwar ir-*roadhump* fin-naħa ta` fuq nett ta` Triq tal-Għajn quddiem l-Assistant Ġudizzjarju.
Fil-Kunsill ingħata wkoll is-servizz fejn ġew miktuba t-tjur tar-residenti tal-Fontana minħabba l-*Bird Flu*. Sar ukoll iż-żbir tal-*Playing Field*. Is-Sindku u l-Viċi-Sindku attendew għall-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi-Sindki li saret il-Furjana fil-Lukanda *Phoenicia*.
Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li jordna għand il-Koperattiva *"Koptasin"* is-sinjali tat-traffiku li għandu bżonn, żewġ *stop signs* u mera, kif ukoll żewġ globi tal-*belisha lights* għaż-*zebra crossing* ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.
Dwar l-istima tal-fanali għal diversi sqaqien, is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Pupull Attard ta` Triq John Gaspard Le Marchant lest li jaħdimhom għall-prezz ta` Lm48 il-wieħed, galvanizżati u miżbugħa suwed. Il-Kunsill qabel li jordna sitta.
Il-Kunsillier Lorry Apap talab li jiġi skużat u ħareġ.
Dwar id-*D.V.D.* dwar il-Fontana s-Sindku qal li kellem lis-Sur Alvin Scicluna ta` *Citadel Video Communications* li nfurmaħ li lest li jaħdmu għall-prezz ta` Lm350 vat inkluż. Il-Kunsill qabel li jinforma lis-Sur Scicluna biex jibda jaħdem fuqu. Is-Sindku għandu jinfurmaħ.
Is-Sindku qal illi ntbagħtu wkoll l-awguri mill-Kunsill lill-Isqof il-ġdid t`Għawdex Mons. Mario Grech, dan sar fuq proposta tal-Viċi-Sindku. Dawn l-awguri ntbagħtu qabel iltaqa` l-Kunsill peress li llum kien ikun tard. F`dawn il-jiem ukoll ħarġet l-ewwel ħarġa tal-fuljett tagħrif mill-Kunsill li ġie mfassal mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Dan tqassam f`kull dar tal-Fontana. Il-*printing* sar għand *A&M Printing* bi *quotation* għall-prezz ta` Lm138. *Portelli Print* bagħtu *quotation* bi prezz ta` Lm150 għall-istess xogħol. Sar u ġie mixgħul id-dawl dekorattiv fl-okkażżjoni tal-Festi tal-Milied ħdejn il-Knisja Parrokkjali u l-Uffiċċju tal-Kunsill, sponsorjati mill-Kunsill.
Dwar Wied Siekel saret laqgħa fuq il-post bejn is-Sindku u l-Viċi-Sindku ma żewġ rappreżentanti tal-M.E.P.A. minn Malta fejn ġie diskuss l-istat li tinsab fih din l-*area* u hemmx l-possibilita' li tiġi rranġata biex wieħed almenu jkun jista' jgħaddi bil-mixi. Saret ukoll żjara fil-Wied tax-Xlendi u Wied il-Lunzjata fejn ġie diskuss ukoll kif jistgħu jiġu riabilitati.
Dwar Wied il-Lunzjata, s-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lis-Sur Sander Axiaq sid ta` parti sostanzjali mir-raba' ta` dan il-wied fejn ħeġġu biex isir ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ li hemm imwaqqa' dan anke billi japplika mal-*IASC* biex jingħata fondi għal dan ir-restawr. Dan wera li hu nteressat u għandu jiġi avviċinat mis-Sindku meta jerġgħu jinfetħu l-applikazzjonijiet. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li kien hemm bżonn isir urġentament ilqugħ tal-injam ħdejn il-*belvedere* ta` Mulejja, biex ma jkunx hemm periklu.
"Jum il-Fontana" ġie organiżżat b`suċċess kemm fil-Knisja Parrokkjali u wara serata fiċ-Ċentru.
Dwar l-ilment tas-Sur Joe Borg ta` *'Flat 1 Sacred Heart'* fi Triq tal-Għajn il-Kunsill qabel li jqabbad lil *Gatt Tarmac Ltd.* biex jagħmel il-*patching* meħtieġ.
Ġie ppropunut ukoll mis-Sindku u l-Kunsill qabel li tiġi organizzata ħarġa soċjali għal kulħadd ta` nofs t`nhar f`Għawdex għall-aħħar ta` Jannar. Il-programm għandu jiġi mħejji mis-Sindku.
Is-Sindku ppropona wkoll li bħala rikonoxximent tas-sehem f`'Jum il-Fontana" li tat bħala talent mill-Fontana jinxtara rigal lil Francesca Sciberras. Il-Kunsill qabel.

FONTANA

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 31 ta` Jannar 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku